Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2024/0086(COD)

31.1.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan
(COM(2024)0159 – C9-0146/2024 – 2024/0086(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Malik Azmani

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jippreżenta lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Fl-2011***, il-Ġordan beda għadd ta' riformi politiċi biex tissaħħaħ id-demokrazija parlamentari u l-istat tad-dritt. Twaqqfu Qorti Kostituzzjonali u Kummissjoni Elettorali Indipendenti u l-Parlament tal-Ġordan għadda għadd ta' liġijiet ewlenin, inkluż l-Att Elettorali u l-Att tal-Partiti Politiċi kif ukoll liġijiet dwar id-deċentralizzazzjoni u l-muniċipalitajiet. Sar titjib leġiżlattiv fejn jidħlu l-indipendenza tal-ġudikatura u d-drittijiet tan-nisa.	(2) ***Mill-2021 'l hawn***, il-Ġordan beda għadd ta' riformi politiċi biex jissaħħu d-demokrazija parlamentari u l-istat tad-dritt. Twaqqfu Qorti Kostituzzjonali u Kummissjoni Elettorali Indipendenti u l-Parlament tal-Ġordan għadda għadd ta' liġijiet ewlenin, inkluż l-Att Elettorali u l-Att tal-Partiti Politiċi kif ukoll liġijiet dwar id-deċentralizzazzjoni u l-muniċipalitajiet. Sar titjib leġiżlattiv fejn jidħlu l-indipendenza tal-ġudikatura u d-drittijiet tan-nisa. ***Il-Missjoni Ewropea ta' Osservazzjoni Elettorali fil-Ġordan ħadet nota tal-elezzjonijiet parlamentari inklużivi u organizzati tajjeb li saru fl-10 ta' Settembru 2024 fil-kuntest tal-modernizzazzjoni politika mibdija mir-Re fl-2021. Huwa kruċjali li l-Unjoni tkompli tappoġġa l-paċi fil-Ġordan u tagħmel dak kollu li tista' biex tippreserva l-mudell uniku tal-Ġordan ta' rappreżentanza etnika u reliġjuża sabiex tiżgura r-rappreżentanza leġittima ta' dawk il-gruppi.***

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-ekonomija tal-Ġordan sofriet b'mod sinifikanti minn kunflitti mtawla fir-	(3) L-ekonomija tal-Ġordan sofriet b'mod sinifikanti minn kunflitti mtawla fir-

reġjun, b'mod partikolari fil-pajjiż ġar tas-Sirja, u l-aktar reċenti f'Iżrael/Gaża u l-Baħar l-Aħmar. Sa mill-bidu tal-gwerra fis-Sirja, l-ekonomija tal-Ġordan intlaqtet minn influss kbir ta' refuġjati Sirjani, li żied il-pressjoni fuq il-pożizzjoni fiskali, is-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura tagħha. Minbarra l-instabbiltà reġjonali, l-isfidi makroekonomiċi u fiskali relatati mal-pandemija tal-COVID-19 fl-2020/2021, l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-komoditajiet wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022, l-esponiment għoli għall-fluttwazzjonijiet kummerċjali u ż-żieda fil-kostijiet tas-self għas-swieq emerġenti globalment komplew ikunu ta' piż fuq l-ekonomija tal-Ġordan. B'riżultat ta' dan, il-Ġordan esperjenza kontrazzjoni ekonomika fl-2020, segwit minn irkupru ekonomiku kajman, hekk kif il-qgħad żdied b'mod sinifikanti fl-2020 u baqa' għoli, u tfaċċaw ħtiġijiet ġodda ta' finanzjament fiskali u estern.	reġjun, b'mod partikolari fil-pajjiż ġar tas-Sirja, u l-aktar reċenti f'Iżrael/Gaża u l-Baħar l-Aħmar. Sa mill-bidu tal-gwerra fis-Sirja, l-ekonomija tal-Ġordan intlaqtet minn influss kbir ta' refuġjati Sirjani, li żied il-pressjoni fuq il-pożizzjoni fiskali, is-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura tagħha. ***L-inċertezza attwali fis-Sirja tkompli taggrava l-instabbiltà diġà detrimentali ħafna għall-Ġordan. Il-Ġordan jospita madwar 1.3 miljun refuġjat, li jagħmlu wieħed mill-pajjiżi bl-ogħla għadd ta' popolazzjonijiet ta' refuġjati per capita.*** Minbarra l-instabbiltà reġjonali, l-isfidi makroekonomiċi u fiskali relatati mal-pandemija tal-COVID-19 fl-2020/2021, l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-komoditajiet wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022, l-esponiment għoli għall-fluttwazzjonijiet kummerċjali u ż-żieda fil-kostijiet tas-self għas-swieq emerġenti globalment komplew ikunu ta' piż fuq l-ekonomija tal-Ġordan. B'riżultat ta' dan, il-Ġordan esperjenza kontrazzjoni ekonomika fl-2020, segwit minn irkupru ekonomiku kajman, hekk kif il-qgħad żdied b'mod sinifikanti fl-2020 u baqa' għoli, u tfaċċaw ħtiġijiet ġodda ta' finanzjament fiskali u estern. ***Barra minn hekk, kwistjonijiet strutturali sinifikanti jfixklu t-tkabbir ekonomiku, b'mod partikolari fil-qasam tal-iżvilupp tas-settur privat. Sfidi bħal ambjent tan-negozju sfavorevoli u inflessibbiltà fis-suq tax-xogħol jibqgħu bla soluzzjoni.***

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-Unjoni tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-Ġordan fil-promozzjoni tal-istabbiltà reġjonali u fil-medjazzjoni tal-kunflitti, b'mod partikolari fost tensjonijiet akbar. L-assistenza

makrofinanzjarja proposta għandha l-għan li tappoġġa lill-Ġordan fiż-żamma tar-rwol pożittiv tiegħu fir-reġjun. F'dak il-kuntest, u b'rikonoxximent tal-fatt li l-Ġordan huwa wieħed mill-aktar sħab reġjonali b'saħħithom tal-Unjoni, huwa essenzjali li l-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu japprofondixxu u jsaħħu s-sħubija bejn l-UE u l-Ġordan, u b'hekk javvanzaw il-kooperazzjoni.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li l-Ġordan jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi – inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti – u l-istat tad-dritt, u li jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, l-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, u jippromwovu r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tax-xogħol u l-konsolidazzjoni fiskali. Kemm l-issodisfar tal-prekundizzjonijiet kif ukoll il-kisba ta' dawk l-objettivi jenħtieġ li jiġu mmonitorjati regolarment mill-Kummissjoni u mis-SEAE.	(21) Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li l-Ġordan jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi – inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti – u l-istat tad-dritt, u li jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, l-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li jsaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, u jippromwovu r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tax-xogħol u l-konsolidazzjoni fiskali ***u l-politiki.*** Kemm l-issodisfar tal-prekundizzjonijiet kif ukoll il-kisba ta' dawk l-objettivi jenħtieġ li jiġu mmonitorjati regolarment mill-Kummissjoni u mis-SEAE***, u sussegwentement dan jenħtieġ li jiġi rrappurtat lill-Parlament Ewropew***. ***Jenħtieġ li l-Unjoni tħeġġeġ l-isforzi li l-Ġordan qed jagħmel fir-rigward tad-diversifikazzjoni u s-sostenibbiltà ekonomika, b'mod partikolari f'setturi bħall-enerġija rinnovabbli, it-teknoloġija u s-servizzi diġitali, sabiex inaqqas id-dipendenza tiegħu fuq it-turiżmu u l-***

	esportazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi u jsaħħaħ ir-reżiljenza fit-tul.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ta' politika ekonomika, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għal raġunijiet ta' effiċjenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tinnegozja dawn il-kundizzjonijiet mal-awtoritajiet tal-Ġordan taħt is-superviżjoni tal-kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Skont dan ir-Regolament, bħala regola ġenerali jenħtieġ li tapplika l-proċedura konsultattiva fil-każijiet kollha ħlief kif previst f'dan ir-Regolament. Meta jiġi kkunsidrat l-impatt potenzjalment importanti tal-assistenza ta' aktar minn EUR 90 miljun, huwa xieraq li għal operazzjonijiet li jeċċedu dak il-limitu tintuża l-proċedura ta' eżami. Meta jitqies l-ammont ta' assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni lill-Ġordan, il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tapplika għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil, u għal kwalunkwe tnaqqis, sospensjoni jew tħassir tal-assistenza.	(27) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ta' politika ekonomika ***ċari u mižurabbli, kif ukoll dawk relatati mad-demokrazija, mal-istat tad-dritt u mad-drittijiet tal-bniedem***, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għal raġunijiet ta' effiċjenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tinnegozja dawn il-kundizzjonijiet mal-awtoritajiet tal-Ġordan taħt is-superviżjoni tal-kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Skont dan ir-Regolament, bħala regola ġenerali jenħtieġ li tapplika l-proċedura konsultattiva fil-każijiet kollha ħlief kif previst f'dan ir-Regolament. Meta jiġi kkunsidrat l-impatt potenzjalment importanti tal-assistenza ta' aktar minn EUR 90 miljun, huwa xieraq li għal operazzjonijiet li jeċċedu dak il-limitu tintuża l-proċedura ta' eżami. Meta jitqies l-ammont ta' assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni lill-Ġordan, il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tapplika għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil, ***inklużi parametri referenzjarji ċari u mižurabbli biex tiġi evalwata l-implimentazzjoni ta' kull pagament parzjali,***u għal kwalunkwe tnaqqis, sospensjoni jew tħassir tal-assistenza.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jimmonitorjaw li din il-prekundizzjoni tiġi ssodisfata matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.	2. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jimmonitorjaw li din il-prekundizzjoni tiġi ssodisfata matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni ***permezz ta' proċess trasparenti li fih partijiet terzi indipendenti jkunu kapaċi jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv***. ***Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jirrapportaw ukoll, kemm regolarment kif ukoll bil-miktub, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-issodisfar tal-prekundizzjoni msemmija fil-paragrafu 1.***

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw, b'mod partikolari, li jtejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, inkluż għall-użu tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Il-progress fil-ftuħ reċiproku tas-swieq, l-iżvilupp ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli u prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni għandhom ukoll jitqiesu bil-mod dovut fit-tfassil tal-miżuri ta' politika. Il-progress fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi għandu jiġi mmonitorjat regolarment mill-Kummissjoni.	2. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw, b'mod partikolari, li jtejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, inkluż għall-użu tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. ***Dan għandu jinkludi l-pubblikazzjoni ta' rapporti regolari u dettaljati mill-gvern tal-Ġordan dwar l-użu tal-fondi, li jispeċifikaw l-allokazzjonijiet għal setturi ewlenin bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-infrastruttura, filwaqt li jiżguraw l-aċċess pubbliku għal tali informazzjoni.*** Il-progress ***fis-servizzi pubbliċi,*** fil-ftuħ reċiproku tas-swieq, l-iżvilupp sostenibbli, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli, u prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni***, inklużi dawk relatati mad-demokrazija, mal-istat tad-dritt u mad-drittijiet tal-bniedem,*** għandhom

	ukoll jitqiesu bil-mod dovut fit-tfassil tal-miżuri ta' politika. Il-progress fil-kisba ta' dawk l-objettivi għandu jiġi mmonitorjat regolarment mill-Kummissjoni ***u s-SEAE, u għandu jiġi kkomunikat lill-Parlament Ewropew.***

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel sub-paragrafu tal-paragrafu 3 ma jiġux issodisfati, il-Kummissjoni għandha tissospendi jew tikkanċella temporanjament l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. F'tali każijiet, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet għas-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni.	4. Fejn il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel sub-paragrafu tal-paragrafu 3 ma jiġux issodisfati, il-Kummissjoni għandha tissospendi jew tikkanċella temporanjament l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. F'tali każijiet, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet għas-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni ***u dwar il-passi sussegwenti***.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni:

Entità u/jew persuna
Il-Kummissjoni Ewropea - DG ECFIN
Il-Qorti tal-Awdituri
L-Ambaxxatur tal-Ġordan għall-UE
Membru tal-Kumitat Irjali għall-Modernizzazzjoni tas-Sistema Politika fil-Ġordan

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan
Referenzi	COM(2024)0159 – C9-0146/2024 – 2024/0086(COD)
Kumitat(i) responsabbli	INTA
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 25.4.2024
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Malik Azmani 14.10.2024
Data tal-adozzjoni	30.1.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 54 –: 11 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mika Aaltola, Lucia Annunziata, Petras Auštrevičius, Jordan Bardella, Dan Barna, Wouter Beke, Robert Biedroń, Ioan-Rareş Bogdan, Marc Botenga, Grzegorz Braun, Sebastião Bugalho, Danilo Della Valle, Özlem Demirel, Elio Di Rupo, Michael Gahler, Geadis Geadi, Giorgos Georgiou, Raphaël Glucksmann, Bernard Guetta, Rima Hassan, Rasa Juknevičienė, Sandra Kalniete, Łukasz Kohut, Rihards Kols, Andrey Kovatchev, Vilis Krištopans, Nathalie Loiseau, Claudiu Manda, David McAllister, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Arkadiusz Mularczyk, Leoluca Orlando, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder, Alexander Sell, Villy Søvndal, Davor Ivo Stier, Sebastiaan Stöteler, Stanislav Stoyanov, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Michał Szczerba, António Tânger Corrêa, Marta Temido, Cristian Terheş, Riho Terras, Hermann Tertsch, Pierre-Romain Thionnet, Sebastian Tynkkynen, Reinier Van Lanschot, Roberto Vannacci, Hilde Vautmans, Harald Vilimsky, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Malik Azmani, Engin Eroglu, Sandra Gómez López, Evin Incir, András László, Ana Catarina Mendes, Hans Neuhoff, Nicolás Pascual de la Parte, Tineke Strik, Ingeborg Ter Laak, Matej Tonin, Ivaylo Valchev, Isabel Wiseler-Lima, Milan Zver
Sostituti (skont l-Artikolu 216(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Catarina Vieira

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

54	+
ECR	Geadis Geadi, Rihards Kols, Arkadiusz Mularczyk, Cristian Terheş, Ivaylo Valchev
PPE	Mika Aaltola, Wouter Beke, Ioan-Rareş Bogdan, Sebastião Bugalho, Michael Gahler, Rasa Juknevičienė, Sandra Kalniete, Łukasz Kohut, Andrey Kovatchev, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Nicolás Pascual de la Parte, Davor Ivo Stier, Michał Szczerba, Ingeborg Ter Laak, Riho Terras, Matej Tonin, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko, Milan Zver
PfE	András László
Renew	Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Dan Barna, Engin Eroglu, Bernard Guetta, Nathalie Loiseau, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Hilde Vautmans
S&D	Lucia Annunziata, Robert Biedroń, Elio Di Rupo, Raphaël Glucksmann, Sandra Gómez López, Evin Incir, Claudiu Manda, Ana Catarina Mendes, Sven Mikser, Tonino Picula, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder, Marta Temido
The Left	Özlem Demirel, Rima Hassan
Verts/ALE	Leoluca Orlando, Villy Søvndal, Tineke Strik, Reinier Van Lanschot, Catarina Vieira

11	-
ECR	Sebastian Tynkkynen
NI	Grzegorz Braun, Kostas Papadakis
PfE	Jordan Bardella, Vilis Krištopans, Sebastiaan Stöteler, António Tânger Corrêa, Hermann Tertsch, Pierre-Romain Thionnet, Roberto Vannacci, Harald Vilimsky

6	0
ESN	Hans Neuhoff, Alexander Sell, Stanislav Stoyanov
The Left	Marc Botenga, Danilo Della Valle, Giorgos Georgiou

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni